

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 357/2012****tal-24 ta' April 2012****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 29/2012 dwar l-standards ta' marketing għaż-żejt taż-żebbuġa**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS)<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 113(1)(a) u l-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 121, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Fir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2012 tat-13 ta' Jannar 2012 dwar l-standards ta' marketing għaż-żejt taż-żebbuġa<sup>(2)</sup>, li huwa kodifikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1019/2002<sup>(3)</sup>, ir-referenzi għall-Komunità li jidhru fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1019/2002 għad-denominazzjonijiet tal-oriġini ġew sostitwiti b'referenzi għall-Unjoni. L-Artikolu 12(2) tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 29/2012 jipprevedi perjodu tranżitorju sabiex il-prodotti mmanifatturati legalment u tikkettati fl-Unjoni jew importati legalment fl-Unjoni u li jkunu tqiegħdu fċirkolazzjoni ħielsa [libera] qabel l-1 ta' Lulju 2012 jistgħu jitqiegħdu fis-suq sakemm il-ħażniet jintużaw kollha. Minn naħa, dan il-perjodu tranżitorju jitqies qasir wisq, u min-naħa l-oħra, it-terminu "legalment" użat f'din id-dispożizzjoni jwassal għal konfużjoni fir-rigward tat-tranżizzjoni bejn ir-Regolament (KE) Nru 1019/2002 u r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 29/2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2012.

(2) Sabiex ikun permess l-użu tat-tikketti li jagħmlu referenza għat-terminu "Komunità" matul perjodu ta' żmien itwal, huwa xieraq li jkun stipulat li l-prodotti li huma mmanifatturati u ttikkettati fl-Unjoni jew importati fl-Unjoni u li jkunu tqiegħdu fċirkolazzjoni ħielsa [libera] skont ir-Regolament (KE) Nru 1019/2002 qabel l-1 ta' Jannar 2013 jistgħu jibqgħu jiġu kkummerċjalizzati sakemm jispiċċaw il-ħażniet kollha.

(3) B'konsegwenza ta' dan, ir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 29/2012 għandu jiġi emendant.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:**

**Artikolu 1**

Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (KE) Nru 29/2012 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-prodotti li ġew manifatturati u ttikkettati legalment fl-Unjoni, jew importati legalment fl-Unjoni u mqiegħda fċirkolazzjoni ħielsa [libera] skont ir-Regolament (KE) Nru 1019/2002 qabel l-1 ta' Jannar 2013, jistgħu jibqgħu jiġu kkummerċjalizzati sakemm jispiċċaw il-ħażniet kollha."

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 12, 14.1.2012, p. 14.

<sup>(3)</sup> ĠU L 155, 14.6.2002, p. 27.